IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 526 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja tal-2020 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja tal-2020

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja tal-2020 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja tal-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li tat bidu għas-Semestru Ewropew tal-2020 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija qieset debitament il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Fis-17 ta' Diċembru 2019, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifikatx lill-Finlandja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2020 għall-Finlandja[2] ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2020. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Finlandja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019[3], is-segwitu li għamlet għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Finlandja biex tilħaq il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
2 SWD(2020) 525 final.
3 ĠU C 301, 5.9.2019, p. 117.

(3) Fil-11 ta’ Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa uffiċjalment iddikjarat il-COVID-19 bħala pandemija dinjija. Il-pandemija hija emerġenza gravi tas-saħħa pubblika għaċ-ċittadini, għas-soċjetajiet u għall-ekonomiji. Qed tpoġġi s-sistemi tas-saħħa nazzjonali taħt pressjoni qawwija, qed tfixkel il-katini ta’ provvista dinjija, qed tikkawża volatilità fis-swieq finanzjarji, qed toħloq xokkijiet fid-domanda tal-konsumatur u qed ikollha effetti negattivi f’diversi setturi. Qed thedded l-impjiegi tan-nies, l-introjtu tagħhom u n-negozju tal-impriżi. Tat xokk ekonomiku qawwi li diġà qed ikollu riperkussjonijiet serji fl-Unjoni Ewropea. Fit-13 ta’ Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[4] li tappella għal rispons ekonomiku kkoordinat għall-kriżi, li jinvolvi lill-atturi kollha fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

(4) Diversi Stati Membri ddikjaraw stat ta’ emerġenza jew introduċew miżuri ta’ emerġenza. Kull miżura ta’ emerġenza jenħtieġ li tkun strettament proporzjonata, neċessarja, limitata fiż-żmien, u konformi mal-istandards Ewropej u dawk internazzjonali. Jenħtieġ li dawn ikunu soġġetti għal skrutinju demokratiku u għal rieżami ġudizzjarju indipendenti.

(5) Fl-20 ta’ Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir[5]. Il-klawżola kif stipulata fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 u fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta’ tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet tal-istess fehma bħall-Kunsill li, minħabba t-tnaqqis mistenni fir-ritmu ekonomiku bħala riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-kundizzjonijiet attwali jippermettu li l-klawżola tiġi attivata. Fit-23 ta’ Marzu 2020, il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti diverġenza temporanja mill-perkors ta’ aġġustament lejn objettiv baġitarju ta' żmien medju, dment li din ma tippreġudikax is-sostenibbiltà fiskali fiż-żmien medju. Rigward il-parti korrettiva, il-Kunsill jista’ jiddeċiedi wkoll, b'rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Hija tippermetti li l-Istati Membri jitbiegħdu mir-rekwiżiti baġitarji li kienu normalment japplikaw filwaqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu jieħdu f’idejhom il-miżuri ta’ koordinazzjoni tal-politika fil-qafas tal-Patt.

(6) Hemm bżonn ta’ azzjoni kontinwa biex tiġi limitata u kkontrollata l-firxa tal-pandemija, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi permezz ta’ miżuri ta’ sostenn għall-impriżi u għall-familji u sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet sanitarji u ta’ sigurtà adegwati fil-postijiet tax-xogħol għal meta tissokta l-attività ekonomika. Jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel użu sħiħ mid-diversi għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri f’dawn l-oqsma. B’mod parallel, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex iħejju l-miżuri meħtieġa ħalli s-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna jirritornaw għal funzjonament normali u għal tkabbir sostenibbli, bl-integrazzjoni fost l-oħrajn tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li jinsiltu t-tagħlimiet kollha mill-kriżi.

(7) Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-flessibbiltà li joffri s-suq uniku biex nadattaw għal sitwazzjonijiet straordinarji. Madankollu, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni rapida u bla

---

4 COM(2020) 112 final.

5 COM(2020) 123 final.

xkiel għall-fażi ta’ rkupru u għall-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-ħaddiema, huwa imperattiv li l-miżuri eċċezzjonali li ma jħallux is-suq uniku jiffunzjona b’mod normali jitneħħew hekk kif ma jibqgħux aktar indispensabbli. Il-kriżi attwali wriet li hemm bżonn ta’ pjanijiet ta' tħejjija għall-kriżi fis-settur tas-saħħa, li jinkludu b’mod partikolari titjib fl-istrateġiji tal-akkwist, katini ta’ provvista diversifikati u riżervi strateġiċi tal-provvisti essenzjali. Dawn huma elementi ewlenin għall-iżvilupp ta’ pjanijiet usa’ ta’ tħejjija għall-kriżijiet.

(8) Il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà emenda l-oqfsa leġiżlattivi rilevanti[6] biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha mhux użati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-effetti eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Dawn l-emendi se jipprovdu flessibbiltà addizzjonali, kif ukoll proċeduri ssimplifikati u razzjonalizzati. Sabiex jittaffew il-pressjonijiet ta’ flussi tal-flus, fis-sena kontabilistika 2020-2021 l-Istati Membri jistgħu wkoll jibbenefikaw minn rata ta’ kofinanzjament ta’ 100 % mill-baġit tal-Unjoni. Il-Finlandja hija mħeġġa biex tagħmel użu sħiħ minn dawn il-possibbiltajiet biex tgħin lill-individwi u lis-setturi l-aktar milquta mill-isfidi.

(9) Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija x’aktarx li jkunu mqassma b’mod irregolari madwar is-setturi u r-reġjuni minħabba l-profili differenti ta’ speċjalizzazzjoni. Dan jinvolvi r-riskju li fil-Finlandja d-disparitajiet ikomplu jikbru. Flimkien mar-riskju li l-proċess ta’ konverġenza bejn l-Istati Membri jiddeterjora temporanjament, is-sitwazzjoni attwali tappella għal tweġibiet ta’ politika mmirati.

(10) Fit-30 ta’ April 2020, il-Finlandja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tagħha tal-2020 kif ukoll il-Programm ta’ Stabbiltà tagħha tal-2020. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta’ bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

(11) Il-Finlandja bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn.

(12) Fil-Programm ta’ Stabbiltà tiegħu tal-2020, il-Gvern qed jippjana li l-bilanċ nominali jiddeterjora minn deficit ta’ 1,1 % tal-PDG fl-2019 għal deficit ta’ 7,2 % tal-PDG fl-2020. Huwa pprojettat li fl-2021 id-deficit jonqos għal 4,0 % tal-PDG. Wara li fl-2019 żdied għal 59,4 % tal-PDG, id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 69,1 % fl-2020, skont il-Programm ta’ Stabbiltà tal-2020. Il-prospettiva makroekonomika u fiskali hija milquta minn inċertezza kbira minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

(13) B’rispons għall-pandemija tal-COVID-19, u bħala parti minn approċċ koordinat tal-UE, il-Finlandja adottat miżuri baġitarji biex iżżid il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa tagħha, trażżan il-pandemija, u tipprovdi għajnuna lil dawk iċ-ċittadini u setturi partikolarment milqutin. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, dawn il-miżuri baġitarji kienu jammontaw għal 1,7 % tal-PDG. Il-miżuri jinkludu kemm l-infiq ta’ emerġenza għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ordni pubbliku kif ukoll miżuri ta’ appoġġ

[6] Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewopew u tal Kunsill tat-30 ta’ Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta’ miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f’setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b’reazzjoni għat-tifqigħa COVID- 19 (Inizjattiva ta’ Investiment b’Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5) u r-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej b’reazzjoni għat-tifqigħa ta’ COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1)

għall-impriżi u għall-impjegati. Barra minn hekk, il-Finlandja ħabbret miżuri li, filwaqt li ma għandhomx impatt baġitarju dirett, se jikkontribwixxu biex jappoġġaw il-likwidità għall-impriżi, li l-Programmi ta' Stabbiltà tal-2020 jikkalkulaw li huma 5 % tal-PDG. Dawn il-miżuri jinkludu garanziji ta' self għall-kumpaniji, immirati primarjament lejn l-SMEs, kif ukoll skemi ta' garanzija speċifiċi għal Finnair u għall-kumpaniji marittimi li jiggarantixxu s-sigurtà tal-provvisti. Barra minn hekk, fil-Finlandja ġew rappurtati miżuri oħra li jtejbu l-likwidità mhux rappurtati fil-Programm ta' Stabbiltà, inklużi differimenti fiskali għat-taxxi korporattivi. Dawn il-miżuri addizzjonali huma kkalkulati għal madwar 15 % tal-PDG. Kollox ma' kollox, il-miżuri li ħadet il-Finlandja huma konformi mal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar rispons ekonomiku koordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19. L-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-miżuri, segwita minn riorjentament tal-politiki fiskali biex jinkisbu pożizzjonijiet fiskali prudenti ta' żmien medju meta jkunu jippermettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi, se tikkontribwixxi biex fiż-żmien medju tinżamm is-sostenibbiltà fiskali.

(14) Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni skont politiki li ma jinbidlux, il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika tal-Finlandja huwa prevista għal -7,4 % tal-PDG fl-2020 u -3,4 % fl-2021. Il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa pprojettat li jilħaq 69,4 % tal-PDG fl-2020 u 69,6 % fl-2021.

(15) Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-ksur projettat tal-Finlandja tal-limitu tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG fl-2020. Kollox ma' kollox l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 mhuwiex issodisfat.

(16) B'rispons għall-kriżi, il-Finlandja ħadet azzjoni komprensiva b'appoġġ għas-sistema tas-saħħa u għall-ekonomija tagħha. Pereżempju, il-Gvern Finlandiż adotta ħafna baġits supplementari u ddeċieda li jtejjeb is-sigurtà tal-impjiegi għall-impjegati, filwaqt li rrilaxxa l-kundizzjonijiet tal-benefiċċji tal-qgħad. L-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad sar aktar faċli għall-ħaddiema freelance u għall-imprendituri. Il-miżuri tas-sigurtà soċjali jammontaw għal EUR 1,6 biljun. Sovvenzjonijiet diretti li jammontaw għal EUR 1 biljun saru disponibbli għall-impriżi flimkien ma' EUR 10 biljun f'self iggarantit mill-Istat. Il-Gvern temporanjament naqqas il-kontribuzzjoni tal-pensjoni ta' min iħaddem b'2,6 punti perċentwali u alloka mill-inqas EUR 1 biljun f'pakkett ta' appoġġ muniċipali. L-Awtorità Superviżorja Finanzjarja tal-Finlandja baxxiet ir-rekwiżiti ta' kapital tal-istituzzjonijiet ta' kreditu Finlandiżi billi neħħiet ir-riżerva għar-riskju sistemiku u billi aġġustat ir-rekwiżiti speċifiċi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-Gvern innomina grupp ta' ħidma mmexxi mill-Ministeru tal-Finanzi u mill-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa biex iħejji l-istrateġija ta' ħruġ tal-Finlandja mill-kriżi tal-COVID-19. Kmieni f'Mejju, il-Gvern adotta pjan ta' ħruġ fi stadji bbażat fuq l-ewwel rapport tal-grupp ta' ħidma. Il-grupp ta' ħidma se jipproponi wkoll miżuri rilevanti li jittrattaw l-impatt sanitarju, soċjali u ekonomiku tal-kriżi. Huwa kkonsulta lis-sħab soċjali, lill-muniċipalitajiet, lis-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet ambjentali.

(17) Filwaqt li l-Finlandja wriet li kienet ġeneralment imħejjija biex tindirizza l-kriżi tal-COVID-19, is-sistema tas-saħħa tagħha tista' tibbenefika jekk issir aktar reżiljenti. Id-distretti tal-isptarijiet kellhom jallokaw mill-ġdid lill-persunal mediku biex jittratta lill-pazjenti bil-coronavirus u jiddevjaw mil-limiti ta' żmien legali preċedentement stabbiliti għall-kura tas-saħħa mhux urġenti. Is-sistema attwali tas-servizzi tas-saħħa mogħtija minn fornituri differenti wasslet għal tqassim inugwali ta' ħaddiema tas-saħħa madwar il-pajjiż. Hu mistenni li l-frammentazzjoni tal-għoti tas-servizzi u l-

aċċess inugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa soċjali u primarja jibqgħu problematiċi wara l-kriżi, b'mod partikolari għal min hu bla xogħol u għall-pensjonanti, inklużi l-persuni b'diżabilità. Minħabba l-kriżi tal-COVID-19 iġġenerat żieda fil-qgħad, jenħtieġ li l-azzjoni ta' politika kemm ta' żmien qasir kif ukoll medju tkun iffukata fuq it-titjib tal-aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa primarja. Fiż-żmien medju, jibqa' importanti li jiġu segwiti l-pjanijiet ta' riforma soċjali u tas-saħħa li kkunsidraw gvernijiet Finlandiżi suċċessivi, speċjalment billi dawn il-pjanijiet iħejju lill-Finlandja għal tibdil demografiku estensiv u jgħinu lill-pajjiż iżomm il-kwalità tas-sistema tas-saħħa tiegħu fil-futur filwaqt li tittejjeb l-aċċessibbiltà tagħha. Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tal-Finlandja qed tkompli tkun f'riskju minħabba ż-żieda mbassra fl-ispejjeż marbuta mat-tixjiħ, b'mod partikolari l-kura soċjali u tas-saħħa.

(18) Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni, il-qgħad mistenni jiżdied għal 8,3 % fl-2020 u jirkupra għal 7,7 % fl-2021. Hemm bżonn li, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, jitfasslu azzjonijiet ta' politika effettivi ta' żmien qasir u medju biex titrażżan ż-żieda fir-rata tal-qgħad u biex jerġgħu jiġu integrati fis-suq tax-xogħol dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-kriżi COVID-19. Jenħtieġ li dawn l-isforzi jkunu jappoġġaw ukoll lill-gruppi fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, bħall-ħaddiema b'livell baxx ta' kwalifiki, il-persuni b'diżabilità, persuni b'kapaċità parzjali għax-xogħol u persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Il-Finlandja għandha fis-seħħ skemi ta' xogħol għal żmien qasir li poġġew lil ħafna impjegati f'assenza bil-permess. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol, fosthom miżuri ta' titjib tal-kompetenzi u taħriġ mill-ġdid, jistgħu jiggarantixxu dħul mill-ġdid rapidu u sostenibbli fis-suq tax-xogħol. Is-salarji sussidjati jistgħu jkunu mmirati u abbinati mat-taħriġ u s-segwitu li jagħmlu s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. It-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-kompetenzi huma kruċjali biex tinżamm l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol f'ekonomija dejjem aktar diġitali u ekoloġika. Ir-riforma tat-tagħlim kontinwu tista' tgħin biex tindirizza l-bżonn li jissaħħu l-kompetenzi tal-adulti, inklużi ta' dawk b'livell baxx ta' kompetenzi, fis-setturi rilevanti għas-suq tax-xogħol bħas-settur tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT). Sabiex is-suq jiġi fornut bil-kompetenzi li għandu bżonn fi żminijiet ta' tibdil demografiku u teknoloġiku, se jkun importanti li fis-sistema edukattiva tinżamm ir-rilevanza tas-suq tax-xogħol, anki billi jiġu ggarantiti biżżejjed postijiet fl-università li huma konformi mal-prospettiva lavorattiva għal kull settur u reġjun. Sabiex jiġi evitat li s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-gruppi l-aktar vulnerabbli tiġi aggravata wara l-kriżi tal-COVID-19, se jkun kruċjali li jiġi indirizzat id-distakk diġitali, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-istudenti żvantaġġati jkollhom aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità. Is-sistema kumplessa ta' benefiċċji toħloq ostakli biex wieħed jibda jaħdem. Jenħtieġ li sabiex in-nies jitħeġġew jaċċettaw xogħol b'kuntratt qasir jew part-time, ir-reġistru tal-introjtu li jinkludi informazzjoni f'ħin reali dwar is-salarji u l-benefiċċji jiġi implimentat b'mod effiċjenti kif ukoll jitħaffef il-pass li bih jiġu trattati l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Fiż-żmien medju, se jkun importanti li l-Finlandja tirriforma s-sistema tal-benefiċċji soċjali biex tagħti spinta lill-impjiegi u tħejji s-sistema nazzjonali tal-protezzjoni soċjali għall-futur.

(19) Huwa essenzjali li l-impriżi, speċjalment l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jingħataw għajnuna li biha jibqgħu f'wiċċ l-ilma matul il-kriżi biex b'hekk wara li jitneħħew il-miżuri ta' konfinament fis-seħħ bħalissa, tiġi stimulata l-ekonomija. Is-sostenn ta' likwidità temporanju permezz ta' self, sovvenzjonijiet u garanziji jista' jgħin biex in-negozji jkampaw matul dan il-perjodu ta' inċertezza kbira u dħul sostanzjalment aktar baxx. Fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jenħtieġ li titqies ir-reżiljenza tas-settur bankarju.

(20) Biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku, se jkun importanti li l-proġetti maturi ta' investiment pubbliku jingħataw finanzjament bil-quddiem u li jiġi promoss l-investiment privat, inkluż permezz ta' riformi rilevanti. L-investiment produttiv fil-Finlandja għadu taħt il-medja tal-UE għall-kategoriji li l-aktar jappoġġaw it-tkabbir tal-produttività, b'mod partikolari l-investiment fit-tagħmir u fil-proprjetà intellettwali. Dan jista' jillimita l-potenzjal tal-pajjiż ta' tkabbir fit-tul u jaggrava l-kompetittività u l-irkupru tiegħu. Aktar investiment fir-riċerka u l-iżvilupp huwa fattur ewlieni biex jiġġenera t-tibdil strutturali favur is-setturi tal-ekonomija b'għarfien intensiv u jsaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir fit-tul. It-tranżizzjoni ppjanata lejn in-newtralità klimatika sal-2035 riflessa wkoll fil-Pjan Nazzjonali tal-Finlandja għall-Enerġija u l-Klima se tkun teħtieġ investiment sostanzjali, b'mod partikolari f'networks tal-enerġija u fi trasport sostenibbli. Qed tiġi żviluppata sistema tat-trasport nazzjonali ġdida għall-2021 iggwidata minn grupp ta' tmexxija parlamentari. Fost it-tħassib dwar is-saħħa, kif ukoll tħassib ambjentali, reġjonali u ta' produttività, hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex jinfirex il-broadband b'veloċità għolja u biex tittejjeb infrastruttura diġitali oħra, bil-ħsieb li l-loġistika tiġi razzjonalizzata u l-attività ekonomika f'żoni remoti tibqa' għaddejja. L-ipprogrammar tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin biex il-Finlandja tindirizza xi wħud mill-isfidi li qed tippreżenta t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari fit-territorji koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż[7]. B'hekk il-Finlandja tkun tista' tagħmel l-aħjar użu minn dan il-fond.

(21) Il-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali li tuża l-Finlandja bħalissa kontra l-ħasil tal-flus hija antikwata u se tiġi aġġornata fl-2020. L-awtorità superviżorja finanzjarja Finlandiża dan l-aħħar saħħet il-kapaċità tagħha ta' superviżjoni. Madankollu, għad ma għandhiex biżżejjed persunal, u l-approċċ "ibbażat fuq ir-riskju" għas-superviżjoni għadu mhuxqed jiġi applikat kif suppost. Filwaqt li ġew investigati diversi każijiet ta' ksur suspettat, il-ħolqien ta' politika dissważiva ta' sanzjonar għadu qasam prijoritarju ieħor. F'dawn l-aħħar xhur żdied ħafna r-rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi u jidher li l-għodod li għandha l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja mhumiex adegwati biex janalizzaw din l-informazzjoni. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtorità superviżorja finanzjarja għadu insuffiċjenti.

(22) Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet attwali jiffukaw fuq l-ittrattar tal-impatti soċjoekonomiċi tal-pandemija u fuq l-iffaċilitar tal-irkupru ekonomiku, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019 koprew ukoll riformi li huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali fuq perjodu medju sa twil. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għadhom pertinenti u se jkomplu jiġu mmonitorjati matul iċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew tas-sena d-dieħla. Dan japplika wkoll għal rakkomandazzjonijiet li jirrigwardaw il-politiki ekonomiċi relatati mal-investiment. Jenħtieġ li jittieħed kont ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-aħħar fl-ipprogrammar strateġiku tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, inkluż għall-miżuri ta' mitigazzjoni u l-istrateġiji ta' ħruġ fir-rigward tal-kriżi attwali.

(23) Is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għal koordinazzjoni kontinwa tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-Unjoni, li tista' tikkontribwixxi għal ekonomija sostenibbli. L-Istati Membri evalwaw il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħhom. Billi

[7] SWD(2020) 525 final.

tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt, il-Finlandja se tikkontribwixxi għall-progress lejn l-SDGs u għall-isforz komuni biex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà kompetittiva fl-Unjoni.

(24) Il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja hija kruċjali biex jinkiseb irkupru malajr mill-impatt ekonomiku tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Finlandja, bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro – u fid-dawl tal-gwida politika mill-Grupp tal-Euro – tiżgura li l-politiki tagħha jibqgħu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet għaż-Żona tal-Euro u koordinati ma' dawk tal-Istati Membri l-oħra taż-Żona tal-Euro.

(25) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-2020, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2020. Barra minn hekk, ivvalutat il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020, kif ukoll is-segwitu li sar għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Finlandja fis-snin preċedenti. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Finlandja, iżda qieset ukoll l-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li l-governanza ekonomika globali tal-Unjoni tissaħħaħ billi jingħata input f'livell tal-Unjoni dwar deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(26) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2020 u l-opinjoni tiegħu[8] hija riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2020 u fl-2021 il-Finlandja tieħu azzjoni biex:

1. F'konformità mal-klawżola ta' salvagwardja ġenerali, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali bil-għan li jinkisbu qagħdiet fiskali prudenti fi zmien medju u tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment. Tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u jitjieb l-aċċess għas-servizzi soċjali u tas-saħħa.

2. Issaħħaħ il-miżuri biex issostni l-impjiegi u ssaħħaħ il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

3. Tieħu miżuri biex tipprovdi likwidità lill-ekonomija reali, b'mod partikolari lill-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju. Tforni finanzjament bil-quddiem għal proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex tistimula l-irkupru ekonomiku. Tiffoka investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu ta' enerġija nodfa u effiċjenti, infrastruttura sostenibbli u effiċjenti kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni.

4. Tiżgura s-superviżjoni effettiva u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus.

[8] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President